# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-15 ta' Jannar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 429/2023 CL

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**

**VERSUS**

**Charles Joseph Agius ( 539785M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar id-29 ta' Novembru 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ordnat jhallas is-somma ta' elfejn seba' mija u dsatax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€2,719.47) liema somma hija dovuta in konnessjoni ma' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lil-konvenut u dan skond statement Dok A. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez kollha inkluz l-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar fattura skond l-istatement u b'riserva ghal kwalsiasi ammont li jista' jkun dovut.

Ra r-risposta ipprezentat fl-24 ta' Gunju 2024, fejn skond il-konvenut it-talbiet tas-socjeta attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u li jispetta lis-socjeta' attrici li tipprova illi l-merkanzija in kwistjoni verament inbieghet u giet konsenjata lill-konvenut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Fis-7 ta' Ottubru 2024, xehed Marvin Sapiano, Credit Manager, li qal illi l-konvenut kien ghamel zewg pagamenti ta' €250 u b'hekk l-ammont pendenti kien nizel minn €2,719.47 ghal €2,219.47, hu ipprezenta statement immarkati Dok MS1.

Fis-6 ta' Novembru 2024, il-konvenut ipprezenta nota fejn kien ammetta t-talba tas-socjeta attrici u ll-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha, id-dokumenti ipprezentati u n-nota t'ammissjoni minghajr ebda kondizzjoni. Ra illi rapprezentant tas-socjeta attrici iddikjara li kienet thalset l-ammont ta' €500 wara li infethet il-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas is-somma ta' elfejn mitejn u dsatax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€2,219.47), stante pagament ta' €500, bl-imghax legali mill-5 ta' Gunju 2019, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**